# VINTARTAL TAL-ĠILD TA' S. MARGERITA

minn Consiglia Azzopardi M Phil.

Fil-knisja parrokjali ta' Sannat jinsab wieħed minn tliet vintartali maħduma fuq il-ġilda li għandna f'Għawdex; it-tnejn l-oħra jinsabu wieħed fil-knisja l-qadima taż-Żejt fil-parroċċa ta' l-Għarb u l-ieħor fil-parroċċa tal-Qala. It-tlieta jidhru li bejn wieħed u ieħor huma ta' l-istess żmien, jiġifieri tas-seklu tmintax. Fuq l-istess stil tagħhom hemm diversi f'parroċċi qodma f'Malta, bħal per eżempju fost oħrajn hemm tlieta li jinsabu fil-mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina li nġiebu hemmhekk min-Naxxar, ieħor jinsab fil-Mużew Wignacourt fir-Rabat ta' Malta u ġie donat minn waħda sinjura, u ieħor jinsab fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ li nġieb hemm minn kappella f'Wied Qirda ddedikata lill-Madonna tal-Visitazzjoni.

**Deskrizzjoni:**

Kif wieħed għandu jistenna il-pittura tal-vintartal (jew kif ġie li jsibuh 'frontartal') li hawn f'Ta' Sannat iġib ix-xbieha tal-Verġni u Martri Santa Margerita bil-palma f'idejha rebbieħa fuq id-dragun, figura żgħira mqiegħda fi sfond barokk, ġo ħafna skrolli u mdawra b'girlandi ta' fjuri b'taħlita ta' kuluri roża, ċelesti u isfar, b'ħafna weraq bi sfumaturi ta' kulur aħdar. L-istil li bih hu maħdum il-vintartal ta' Sannat hu l-istess bħal vintartali l-oħra tal-ġild, jiġifieri xbieha / figura żgħira fin-nofs u l-bqija geġwiġija ta' dekorazzjonijiet, xi drabi anki ndoratura jew sgraffiti tal-fidda u d-deheb. Fil-ġnub il-vintartal ta' Sannat jirrappreżenta kapitelli ta' artal bl-irħam aħdar u n-naħa ta' fuq iġib friż ta' rożuni bl-isfar poġġuti fuq bħallikieku damask aħmar.

Fl-arkivji tal-parroċċa ma jinsab ebda ħjiel ta' informazzjoni fuq meta nħadem jew x'kienet iċ-ċirkustanza għaliex inħadem, fuq min ħadmu jew minn fejn ġie - probabli ma ntefqux flus imma ġie regalat lill-knisja ta' Santa Margerita. L-istess bħall-vintartali l-oħra t'Għawdex kif ukoll dawk ta' Malta qatt ħadd ma ġie reġistrat li kien artist li jpitter fuq il-ġild. Dan seta' ġara għaliex din is-sengħa ma kinitx meqjusa bħala waħda importanti, għalkemm ir-rappreżentazzjoni tal-pittura tixhed livell għoli ta' arti. X'uħud huma tal-fehma li l-figura tal-qaddis impittra fin-nofs tal-vintartal probabli kienet tiġi maħduma minn pittur magħruf, filwaqt li d-dekorazzjonijiet setgħu kienu jinħadmu minn persuni oħra mhux daqshekk professjonali.

Imma jekk il-vintartal tpitter għall-knisja ta' Sannat allura rridu mmorru għaż-żmien meta l-artal titulari ta' Santa Margerita li taħtu kien jitqiegħed il-vintartal, kien diġa skolpit u mżejjen bl-irħam. Dan jeħodna fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Gatt (1759 1779), meta kien hawn diversi skulturi u pitturi magħrufa bħalma kienu Feliċ Zahra, Karlu Brincat u Mastru Mikelanġ Fabri, jaħdmu fuq it-tiżjin u l-iskultura tal-ħitan, tal-kapitelli u tal-gwarniċuni tal-knisja. Għalhekk kien possibbli li matul iż-żmien li damu jaħdmu fil-knisja, xi ħadd minn dawn l-imgħallmin seta' skolpixxa għall-vintartal. Jidher ukoll li dan il-vintartal xi darba ġie akkomodat minħabba li jġib marki ta' qtugħ li jfisser li ġie mċekken. Dan seta' ġara jew biex jibda jintrema ġo gwarniċjun li kienu ġew moda ħafna, jew biex jiġi addatat għal artal ġdid bħal meta tkabbret il-knisja u nbew l-artali ġodda. Hekk insibu li f'Sannat, nhar l-20 ta Lulju 1833, (nhar il-festa ta' S. Margerita) intefqu 2 skudi u 2 rbajja biex inxtrat żigarella sewda għall-vintartal tal-ġild '*ventartale di pelle*' (CO 11 fol 158).



**Is-Sengħa tal-Pittura fuq il-Ġild**

Bħal kull pittura oħra, l-ewwel jinħtieġ li jkun hemm il-bażi fuq hiex se ssir il-pittura; hekk ngħidu aħna jekk se jsir affresk trid tiġi ppreparata l-ġebla li fuqha se ssir il-pittura, jekk se ssir pittura fuq l-injam trid tiġi ppreparata l-injama, hekk għall-pittura fuq it-tila u anki fuq il-ġilda. L-aħjar ġilda hi dik li jkollha konzatura vegetali jew iffermentata bil-materja naturali tas-siġar, u li tkun differenti minn dik il-ġilda li tintuża għall-kisi ta' għamara jew għall-ilbies.
Din is-sengħa tmur lura mijiet ta' snin, u dan nafuh għaliex fil-mużewijiet fl-Ewropa għandhom biċċiet ta' ġild imnaqqax li jmur lura għal qabel żmien il-Medjuevu. Il-ġild bħall-injam, kapaċi jżomm għal ħafna u ħafna snin jekk ikun ippreservat f'kundizzjoniet tajbin ta' temperatura u umdita. Bħal kull pittura oħra, il-pittura fuq il-ġild isservi daqs kemm iż-żebgħa li tkun intużat ikollha bażi tajba u daqs kemm il-pittura tkun esposta għall-elementi ta' dawl.

**L-Ewwel Tinħadem l-Iskultura**

Tibda billi l-ewwel jitpitter id-disinn u jiġi mnaqqax fuq l-injam, hekk li jkun hemm moll jew kampjun. Imbagħad il-ġilda tiġi mxarrba u stirata fuq tilar u ppressata fuq il-moll ippreparat bid-disinn. Permezz ta' għodda speċi ta' martell ta' l-għadam, li tkun magħmula l-aħjar minn qarn ta' baqra jew mill-antenna ta' ċerva, il-ġild jiġi magħfus u maħdum biex jitħaffer u jidħol fil-kurvaturi tad-disinn tal-moll. Hekk meta jinxef il-ġild ikun ħa l-impressjoni tad-disinn. (Dan l-istess moll aktarx kien jerġa' jintuża għal biċċa xogħol oħra). Wara li l-biċċa tal-ġild tkun ġiet skolpita, tiġi ttrattata bil-'ġesso' u miżbugħa, bejn wieħed u ieħor l-istess kif tiġi ppreparata t-tila għall-pittura. Meta l-pittura titlesta xi drabi kienet tiġi applikata l-induratura.

**Meta l-Bniedem beda juża l-Ġild**

Sa mill-ewwel żminijiet il-bniedem primitiv skopra li l-ġild ta' annimal kien b'saħħtu u jiflaħ iżomm il-ġisem sħun u jilqa' kontra l-kesħa u l-bard. Billi dan wara xi żmien kien jibda jintem, il-bniedem skopra li jekk il-ġild jiġi mnixxef sewwa l-intiena tgħib, imma il-ġild niexef u mqaċqaċ isir inigges. Għalhekk il-bniedem primitiv beda juża żjut li joħroġ mill-ħut u mis-siġar biex irattab il-ġild niexef. Hekk ivvinta l-kunzatura jew il-proċess biex minn ġild ta' annimal joħroġ ġild li jista' jintlibes. Minn dak iż-żmien il-ġild beda u baqa' jinħadem għal sekli twal f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja kollha. Hekk insibu li fil-qedem iċ-Ċiniżi skoprew li l-ilma ma jgħaddix minn oġġett magħmul mill-ġild u sa kienu jużaw il-ġild biex minnu jagħmlu reċipjenti għax-xorb. Insibu li fil-Bibbja mill-ġild kienu jagħmlu l-parċmina li fuqha kienu jiktbu l-Kotba Mqaddsa; fl-1947, fl-għirien fuq xatt il-Baħar Mejjet, kienu ġew skoperti l-hekk imsejħa *Dead Sea Scroll* - skrolli tal-ġild li fuqha kien hemm miktub uħud mill-Kotba Mqaddsa. Imbagħad ir-

Rumani kienu minn ta' l-ewwel li bdew jilbsu s-sandli, ċinturini u aċċessorji oħra tal-ġild. Fiż-Zminijiet tan-Nofs żviluppaw l-użu tal-ġild għax-xedd taż-żwiemel, armamenti tal-glied fil-gwerra, għant għas-skieken jew armi, valiġġja għas-safar eċċ. Minn dak iż-żmien l-użu tal-ġild żviluppa kwalita ta' ilbies fosthom ġgieget, żraben u ċinturini, kisi ta' sedili u għamara, għodda biex biha jaħdmu l-art, bwieqi u reċipjenti fil-kċina, u saħansitra ħżiem għall-atleti.

**Kif kien Jinħadem il-Ġild fis-Seklu Sbatax**

Kull fejn kienu jitrabbew l-bhejjem dejjem għandek issib kumpless ta' attività fejn jinqatlu l-bhejjem, jitnixxef il-ġild, jaħdmu l-qrun u fl-aħħar fejn jipproduċu s-sapun u l-gomma; dawn kollha għandek issibhom f'post fejn hemm l-ilma għaddej bħal xi xmara, dejjem il-barra mill-abitat minħabba r-riħa. Maġenb dawn dejjem ikun hemm ħofor kbar li fihom jinġabar l-ġewwieni tal-bhejjem maqtula u dan isir fertilizzant għall-għelieqi.
Malli kienu jinqatlu l-annimali l-ġlud kienu jinħaslu fl-ilma tax-xmara biex jitnaddfu mid-demm, mill-biċċiet tal-laħam u ħmieġ ieħor. Iħalluhom mgħaddsin fl-ilma sakemm ikun il-waqt li jipproċessawhom. Fis-seklu sbatax il-gild tal- baqar, tal-majjali, tan-ngħaġ u tal-mogħoż l-iżjed li kienu jinħadmu. Għall-konzatura kienu jinħtieġu bħal krietel kbar li kienu jżommuhom mgħarrqa sa nofshom fix-xmara biex dejjem ikollhom l-ilma dieħel fihom. L-ewwel kartell kien ikun fih taħlita ta' ġir u l-ġild kien jitħalla jixarrab ġo fih bix-xagħar wiċċu l-isfel biex ir-reazzjoni tal-kimika twaqqa' x-xagħar. Kienu joħorġuhom biex iqaxxru x-xaħam mill-għeruq tax-xagħar, u jerġgħu jdaħħluhom fil-kartell tal-ġir biex jinqala' l-bqija tax-xagħar u jitnaddfu dejjem iżjed. Dan il-proċess kien jieħu madwar xahrejn, għaliex il-ġild kienu jħalluh jixxarrab sakemm jitqaxxar ix-xagħar kollu mingħajr ma ssir ebda ħsara lill-ġild. Xi drabi dan il-proċess kien jieħu madwar sitt xhur.

Imbagħad il-ġild jitħallat ma' sugu tas-siġar tal-ballut li jipprovdi sustanzi ta' aċtu li jippreserva u jagħti l-kulur lill-ġild. Mat-taħlita jżidu l-aċtu billi jinkludu l-ħalib qares, il-qxur tal-għasir tat-tuffieħ, ferment tal-qarabocċ, u prodotti oħra skond ma jsibu fl-istaġun, skond il-klima u skond il-prodott li għalih ikun se jintuża l-ġild. Il-konzatura ssir billi fil-qiegħ tal-kartell ipoġġu saff zkuk tas-siġar, imbagħad saff ġild, saff ieħor zkuk, u jibqgħu jippakkjaw hekk sa' ma jintela il-kartell. Fil-wiċċ tat-kartell jispiċċaw b'zokk oħxon madwar pied u kollox jiġi ppressat u miżmum marsus u mxarrab biex jiffermenta għal madwar tliet xhur. Meta jiġu biex ibattlu l-kartell joħorġu l-ġild bil-galbu attenti li ma jqattgħux jew jagħmlu ħsara fil-ġild li issa jkun irtab ħafna. Biex ineħħu l-aċtu issa jżidu ingredjenti ta' l-alkali li jinkludu sapun biż-żjut u x-xaħmijiet, waqt li jużaw għodod apposta waqt li jippreparaw il-ġild biex issa jkun użat għal fejn destinat.

**Il-Prodotti tal-Ġilda**

Għalkemm il-prodotti tal-ġilda kollha ġejjin mill-ġild ta' xi annimal, hemm kemm il-kwalità ta' ġilda. Dan jiddependi kemm mill-annimal innifsu u kemm mit-trattament u l-proċess ta' kulur li tkun għaddiet minnu l-ġilda. Kull ġilda, anke dik ta' l-ifjen kwalità jkollha sinjali speċifiċi u waħdiena, bħalma kull bniedem jkollu l-marki tas-swaba' li jidentifikawh minn bniedem ieħor. Wara kollox il-ġilda hija prodott naturali u għalhekk qatt ma tista' tkun perfetta jew waħda bħall-oħra; dan ma jitqiesx bħala difett fil-prodott imma iktar hu kkunsidrat bħala marka tan-natura u garanzija li l-prodott hu ġenwin u mhux imitazzjoni.
Bħall- ġebla u bħall-injam il-ġilda minn dejjem kienet u għadha sal-lum materja li tiswa ħafna f'idejn il-bniedem biex minnha jużaha tant għall-ilbies, kif ukoll għal dekorazzjoni, għat-tiswir ta' l-għodda, u għal kommoditajiet oħra tal-ħajja bħal karozzelli fil-mezzi tat-trasport. Kultant l-użu tal-ġilda kien jidħol fil-moda, hekk insibu li fi żmien ir-Rinaxximent il-ġilda kienet tintuża ħafna mill-Ingliżi u mill-Ispanjoli. Bdew jistampaw il-kotba u jillegawhom bil-qoxra tal-ġilda li

xi drabi kienet tkun indorata. Għalhekk fis-sekli sittax u sbatax żviluppaw u ġiebu 'l quddiem it-teknika u s-sengħa ta' kif tinħadem il-ġilda, kif tiġi mħaffra jew imbuzzata biex tifforma disinn, kif tiġi mpittra, miżbugħa u ġie li anki tiġi ndurata. F'dan iż-żmien Spanjoli tas-sengħa bdew jiksu kull tip ta' għamara bil-ġild u jwaħħluha ma l-injam bi msiemer rashom kbira b'mod li jifformaw disinn.

Sas-seklu tmintax l-arti ta' kif wieħed jippreserva l-ġild u jaħdimhom għall-użu, saret tradizzjoni antika, importanti u li tati ġieħ lil min iħaddanha. L-industrija tal-manifattura tal-ġild bdiet tħaddem ħafna nies billi kollox kien isir bl-idejn. Kien preferut l-iżjed il-ġild tal-gniedes u tal-għoġġiela sa żmien ta' l-aħħar tar-renju ta' Louis XIV (Re ta' Franza li fis-seklu 17 kien jonfoq flejjes kbar fi ħwejjeġ ta' arti basta jkollu l-aqwa). F'dan iż-żmien fl-Ewropa ta' Fuq, fi Flanders, fl-Olanda u fi Franza kien isir negozju kbir bil-pittura, tapezzeriji, bizzilla, tapiti, drappijiet u nsiġ. Għalhekk il-manifattura tal-ġild sabet postha f'dan l-ambjent, u kwantita ta' prodotti kienu jiġu esportati l-iżjed lejn Cadiz, fin-nofs in-nhar ta' Spanja, minn fejn x'uħud kienu jerġgħu jiġu esportati lejn l-Amerika. Għal dawn in-negozjanti sinjuri, xi drabi iktar mir-Re tal-pajjiż, il-ġild kien ifisser kumdità ta' sħana kontra l-ksieħ tax-xitwa mingħajr spejjes għall-enerġija biex isaħħnu l-kmamar tad-djar tagħhom. Hekk fil-mużew Mercator li jinsab f'Antwerp il-Belġju, għad hemm tapezzeriji tal-ġild indorat ta' żmien is-seklu sbatax, li kienu jiksu l-ħitan kollha, kemm bħalha dekorazzjoni u kemm bħala lqugħ kontra l-kesħa. Dawn huma pariġġ it-tapezzeriji minsuġa li għad għandna Malta fil-Palazz il-Belt, li l-Gran Mastru Perellos (1697 1720) kien ordna mid-ditta Judocos tal-Belgium biex jiddendlu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Il-fatt li fil-vokabularju Malti tinsab il-kelma '**kunzatur**' li Serracino-Inglott jiddeskrivi fid-dizzjunarju tiegħu bħala "min jikkonza l-ġild bħala sengħa; qaddied bis-sengħa tal-ġlud tal-bhejjem", juri li din is-sengħa kienet tirrendi anki f'pajjiżna. L-istess awtur jsemmi wkoll it-terminu '**Ġellied**' fejn jiddeskrivih bħala "min iġelled; wieħed tas-sengħa li jhejji l-ġlud għall-użu tal-ġild; min ibigħ, jinnegozja fil-ġild". Żgur illi kien hawn min qala' ħobzu billi kien jaħdem fil-ġild, u fost dawn insibu l-iskarpan li dari kien jipprovdi x-xedd għal tant riġlejn li ma rawx ħlief ħefa. Biex ma nsemmux ix-xedd tal-bhejjem tat-tagħbija, l-għaribel ta' fuq il-qiegħa, l-istrumenti tad-daqq eċċ.

Il-vintartal tal-ġild ta' Santa Margerita jirrappreżenta dawn is-snajja marbutin man-nies ta' dawn l-inħawi biex jafdawhom taħt il-protezzjoni tal-Patruna tar-raħal ta' Sannat.

*Referenzi*:
Ħajr lil: Mons Ġwann Azzopardi, Dun Anton Mizzi, Pietru Borg, Dun Salv Caruana, Dun Achille Cauchi, Godwin Cutajar, Mons. Lawrenz Sciberras,
E. Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti* Vol III, V
Joseph Bezzina, *Sannat Fi Ġrajjiet Għawdex*
http://www.nps.gov/colo/Jthanout/Tanning.html
http://www.pacificplanet.net/leather-history.htm